MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 335/2005

**App. Nru. 335/05 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Attard talli:

1) Matul il-gurnata ta' nhar l-4 ta' Novembru 2003, fi Triq it-Telleritu Ghaxaq f'xit-3.00 p.m., ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb li l-ammont taghhom huwa ta' 'fuq minn Lm500 izda inqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Mary

Theresa Attard, liema serq huwa aggravat bl-ammont, bil-mezzi u bil post;

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) U aktar u recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-21/06/93, 01/10/93, 06/06/94, 23/04/99, 21/01/00, 14/03/00, 26/01/01, 08/10/01 u 05/02/02 liema sentenzi kienu gew definittivi mill-istess Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Attard hati ta'l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar, ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni ta' recidiva u minnha lliberatu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Attard pprezentat fit 28 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn illiberatu mill-imputazzjoni tar-recidiva, filwaqt illi thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll fil-parti tal-piena u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta' l-Ispettur Joseph Agius u ta' Marie Therese Attard;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa ma setax jinstab hati peress illi l-allegata derubata

ma ghamlitx kwerela fil-konfront tieghu; (2) sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-azzjoni kriminali ghada rinunzjabbli, u (3) ma ngabet ebda prova dwar il-valur ta' l-oggetti misruqa.

Kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, bhala regola r-reat ta' serq hu azzjonabbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, izda ghal din ir-regola hemm l-eccezzjonijiet kontenuti fl-artikoli 331 u 332 tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz hu applikabbli l-artikolu 332. Dan jipprovdi li, hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 316 (hruq b'perikolu tal-hajja), 317 (hruq b'perikolu komuni) u 318 (hruq bla perikolu ghall-hajja tan-nies) l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza, ghar-reati li jsiru kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omicidju, offiza fuq il-persuna (minbarra offiza hafifa u ta' importanza zghira), jew ma' sekwestru tal-persuna.

Fil-kaz odjern id-derubata kienet il-mara ta' hu l-appellant. Jigifieri kienet mehtiega l-kwerela ta' Marie Therese Attard sabiex titmexxa l-azzjoni kriminali u, ghalkemm jirrizulta li hija rrapportat is-serq lill-Pulizija u ndikat lill-appellant bhala l-persuna li fiha kellha suspett, mill-atti ma jirrizultax li saret kwerela a tenur ta' l-artikolu 539 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-artikoli 537 u 538. Inoltre, ghalkemm hija xehdet quddiem l-ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li xehed l-Ispettur Joseph Agius quddiem din il-Qorti, ma jirrizultax mill-atti illi hija nghatat "it-twissija li din tista' ma tixhidx". Fi kwalunkwe kaz, Marie Therese Attard regghet xehdet quddiem din il-Qorti u qalet li hi tahfer lill-appellant u kkonfermat li ma tixtieqx li jittiehdu passi. Effettivament, a tenur ta' l-artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali, **"il-kwerelant jista, f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun ga` ghamel"**. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni trid tigi dikjarata estinta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ serq aggravat bil-valur u kkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija u minflok tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta’ dik l-imputazzjoni estinta u b’hekk tilliberah minn l-ewwel imputazzjoni u mill-piena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------